MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 55/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Tonna)
Vs

David Scerri

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer naqas li jmantni lill-ulied minuri Dale u Nicky ulied Sandra Vella mill-10 ta' Gunju, 2002 sal-21 ta' Jannar, 2003 u dan minkejja li kien ordnat jaghmel hekk skond Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Marzu, 2003, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-piena ta' hames (5) t'ijiem detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 t'April, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza w tghaddi biex tillibera lill-esponenti minn kull htija w piena skond il-ligi w, minghajr pregudizzju ghal permess u in linea sussidjarja, f'kaz li l-esponenti jigi misjub hati, li tbiddel il-parti tas-sentenza li tikkoncerna l-piena w minnflok taghti piena anqas gravuza minn dik moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' : - 1 . illi l-appellant mhux rikonoxxut bhala missier il-minuri Dale Vella u Nicky Vella kif jidher mic-certifikati tat-twelid taghhom. Ghalhekk tonqos il-prova ewlenija li hija rikjesta f'dawn it-tip ta' proceduri li effettivament l-appellant hu l-missier tal-imsemmija tfal minuri . Illi l-akkuza kif dedotta ma tinkwadrax ruha taht l-artikolu 338(z) tal-Kap.9 ghax dan l-artikolu jirrigwarda biss ulied li huma gejjin minn koppja mizzewga u fil-fatt il-ligi tirriferi ghall-koppja mizzewgin u ghall-manteniment tal-istess mizzewgin u t-tfal taghhom ("spouse" and "the children"). Il-ligi ma tikkontemplax sitwazzjoni ta' tfal minn koppja mhux mizzewga . Il-ligi ma tuzax il-kliem "missier" "omm" jew "genitur" u dan l-artikolu huwa ntiz ghall-enforzar ta' digrieti li jolqtu l-mizzewgin kemm ghalihom innifishom kif ukoll ghall-uliedhom. In linea sussidjarja u bla pregudizzju , il-piena inflitta hija wahda gravuza, ghax l-appellant ghad ghandu wiehed u ghoxrin sena w hu ta' kondotta netta w ghalhekk il-piena ghandha tigi ridotta.

Fliet l-atti kollha processwali .

Semghet ix-xhieda mill-gdid.

Rat id-Digriet Taghha li bih ordnat l-isfilz tal-atti tat-twelid tal-minuiri li gew annessi mar-rikors tal-appell u d-digriet taghha sussegwenti li bih ammettiet l-esebizjjoni tal-istess dokumenti in vista tax-xhieda ta' Sandra Vella , xhud tal-prosekuzzjoni, u dana billi f'kull kaz dawn id-dokumenti, apparti li jikkonsistu f'att pubbliku , huma konformi ma dak

li kienet xehdet l-istess xhud tal-prosekuzzjoni w ghalhekk bihom ma giet introdotta ebda prova gdida “ut sic” da parti tad-difiza imma prova ufficjali ta’ dak li qed tallega x- xhud ewlenija tal-prosekuzzjoni u ghalhekk dan ma jistax hlief ikun ta’ beneficcju ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja w ghar-ricerka tal-verita’ .

Rat l-ordni taghha biex jigu alligati temporanjament l-atti kollha tas-Skond Awla tal-Qorti Civili relattivi ghad-Digriet numru 1012/2002 u li fil-fatt gew esebiti kopji legali tal-istess atti .

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi mill-atti tas-Sekond’ Awla jidher li dik il-Qorti, rinfaccata b’eccezzjoni ta’ inkompetenza mill-appellant odjern , stante li r-rikors originali ma kienx jaqa’ taht il-kompetenza ta’ dik il-Qorti ghax kien jezorbita mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 470 tal-Kap. 12, xorta wahda ordnat lill-appellant li jhallas LM20 fil-gimgha bhala manteniment ghall-uliedu minuri ghaliex irriteniet li kellha “ dejjem gurisdizzjoni tghati dawk il-provvedimenti li jidhrilha opportuni fl-interess tal-minuri u tista’ tintervjeni f’ kull cirkostanza biex tara li l-interessi tal-minuri ma jkunux ippregudikati”.

Issa mill-banda l-ohra hu assodat mix-xhieda tal-istess omm il-minuri u mill-atti tat-twelid taghhom esebiti li dawn il-minuri ma gewx rikonoxxuti mill-appellant bhala uliedu , ghalkemm kif jidher mill-istess risposta tieghu fis-Sekond’ Awla, l-appellant jivvanta xi dritt ta’ access ghalihom .

Il-punt legali li qed jibbaza l-appell fuqu l-appellant hu li d-dispozizzjoni tal-artikolu 338 (z) tapplika biss ghall-ulied imweldin fiz-zwieg u ghall-mizzewgin .

Illi s-subartikolu (z) tal-artikolu 338 jghid testwalment hekk :-

“Huwa hati ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min –

(z) meta hekk ordnat minn xi Qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jaghti lill-martu jew tonqos li taghti lil zewgha , is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha jew ghalih u , jew, ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih , skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt , ikollha tithallas dik is-somma. "

Din id-dispozizzjoni hadet post l-artikolu 352 (xx) introdott bl-Att XIV tal-1983 li kien jghid :-

"When so ordered by a court fails to give to his wife such sum , fixed by that Court as maintenance for her and, or , his children , within fifteen days from the day on which , according to such order , he should pay such sum".

Illi fiz-zewg kazijiet il-kontravvenzjoni kienet u baqghet tikkonsisti fil-fatt li l-konjugi - ir-ragel – jonqos li jaghti lill-konjugi l-iehor "his wife" il-manteniment iffissatt u ordnat minn Qorti u bl-ahhar emmenda meta xi wiehed mil-konjugi sija jew ikun ir-ragel jew il-mara tonqos li thallas lill-konjugi l-iehor is-somma iffissata mill-Qorti jew b'kuntratt jew ghall-dak il-KONJUGI JEW GHALL-ULIEDU . Illi kif inhi din id-dispozizzjoni jidher li tirregola biss inadempjenza fl-osservanza ta' digrieti ta' manteniment jew kuntratti BEJN KONJUGI cioe' PERSUNI MIZZEWGIN. Kjarament is-sitwazzjoni bejn l-appellant u Sandra Vella mhux wahda ta' zwieg u ghalhekk ma tistax tiskatta d-dispozizzjoni tal-artikolu 338 (z) .

Koncepibbilment setgha jigi nvokat l-artikolu 338 (y) tal-Kap.9, li kien gie introdott bl-ATT XXI tal-1993 u li jghid :-

"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku , kull min –
(y) bhala genitur ihalli lill-uliedu fil-bzonn , jew bhala parti fiz-zwieg thalli l-parti l-ohra fil-bzonn , minhabba hajja bla qies jew nuqqas ta' kont ghax-xoghol "

Din id-dispozizzjoni hadet post u ssostitwiet l-artikolu 352 (x) tal-Kap 9 li kien jghid :-

"bhala kap tal-familja , ihalli fil-bzonn lill-mara jew lit-tfal , minhabba hajja bla qies jew nuqqas ta' kont tax-xoghol."

Issa filwaqt li d-dispozizzjoni l-gdida ma ssemmiex aktar lil kap tal-familja – li necessarjament jimplika stat ta' zwieg – u ssemmi biss persuna li "BHALA GENITUR IHALLI LILL-ULIEDU FIL-BZONN" , u dan allura jkun japplika anki fil-kaz ta' ulied naturali w mwielda barra miz-zwieg , pero' f'dan ir-reat l-element materjali tal-kontravvenzjoni jinkludi mhux il-hlas ta' manteniment ordnat minn Qorti jew miftiehem b'kuntratt , imma l-hajja bla qies jew nuqqas ta' kont ghax-xoghol. Fatti dawn li jridu jigu pruvati oltre n-nuqqas ta' manteniment , fis-sens li dejjem gie ritenut li jekk ma jigux pruvati dawn l-elementi din il-kontravvenzjoni ma tissusistix. F'kull kaz pero' l-appellant ma giex akkuzat u misjub hati ta' din il-kontravenzjoni kontemplata fis-subinciz (y) imma taht dik kontemplata taht is-subinciz (z) .

Illi din il-Qorti ma tistax u ma tridx tidhol fil-merti tad-Digriet tas-Sekond' Awla li qed jigi nvokat bhala l-bazi tal-kontravvenzjoni u jekk dik il-Qorti kelliex jew le kompetenza dwar il-materja, stante li r-rikors ta' Sandra Vella seta' ma kienx jaqa' taht il-parametri tal-Artikolu 470 tal-Kap.12 . Dik hi materja purament civili u jekk l-appellant ihossu aggravat b' dik id-decizjoni , ir-rimedju tieghu mhux li jirrikorri quddiem din il-Qorti.

Pero' "in criminalibus" il-Qorti trid tapplika l-ligi penali u f'dan il-kaz jidher car li l-kontravvenzjoni li biha hu akkuzat l-appellant qatt ma tista' tissussisti "de lege lata" ghax il-persuna li trid tircevi l-hlas tal-manteminent ordnat f' dan il-kaz mhix "mart" l-appellant , anki jekk hi omm uliedu naturali , pero' mhux rikonoxxuti.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant, li hu wiehed ta' indoli legali, jidher li hu ben fondat u l-appellant qatt ma seta' jinstab hati tal-kontravvenzjoni kontemplata taht is-subiniciz (z) tal-art. 338 tal-Kap.9 kif instab mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi , il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata b' dan li l-appellant qed jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------